# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum it-22 ta' Mejju, 2017.**

**Rikors Numru 275/2017**

**Fl-atti tar-rikors guramentat numru 206/2017 fl-ismijiet:**

**Apassionata World GmbH debitament rapprezentata hawn Malta mill-Avukat Dott. Adrian Camilleri (K.I. 350380 M)**

**vs.**

**St. George Edition Limited (C – 40902)**

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors tas-socjeta` St. George Edition Limited datat l-24 ta' Marzu, 2017, (ara foll 1);

2. Rat ir-risposta tas-socjeta` Apassionata World GmbH datata t-12 t'April, 2017, (ara foll 205);

3. Rat il-verbal tas-socjeta` hawn rikorrenti St. George Edition Limited datat is-16 ta' Mejju, 2017, li permezz tieghu iritirat l-aggravju intestat "Ma jezistix dritt prima facie", (ara foll 4 sa 9, u foll 343);

4. Semghet lill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet jittrattaw il-procedura odjerna, (ara foll 343);

Ikkunsidrat:

5. Illi l-procedura in dizamina hi intiza biex jinhareg kontro-mandat ghall-mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju a bazi tal-artiklu 836 (1) (b) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jistabbilixxi s-segwenti:

> "1. Minghajr ebda pregudizzju ghal kull jedd iehor taht dan il-Kodici jew kull ligi ohra, l-intimat li jkun inhareg att kawtelatorju kontrih jista' jaghmel rikors lill-qorti li tkun harget l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawza, jista' jaghmel rikors lill-qorti li tkun qeghda tittratta dik il-kawza li fih jitlob li l-att kawtelatorju jigi revokat, sew ghal kollox jew f'parti minnu, ghal xi wahda minn dawn ir-ragunijiet li gejjin:
>
> "b. li wahda mill-htigijiet tal-ligi ghall-hrug tal-att kawtelatorju ma tkunx ghadha fil-fatt tezisti";

6. Illi ghalhekk is-socjeta` hawn rikorrenti qed tippernja t-talba taghha ghar-revoka tal-mandat kawtelatorju in dizamina fuq il-fatt li wahda mir-rekwiziti necessarji ghall-hrug tal-istess mandat m'ghadiex tezisti;

Ikkunsidrat:

7. Illi hu pacifiku li l-uniku ezami li din il-qorti tista' taghmel fir-rigward hu biss ezami *"in prima facie" stante* li l-mertu veru u proprju bejn il-partijiet jigi investigat fil-kawza proprja;

8. Illi ghalhekk, stante li l-procedura odjerna hi wahda verament limitata, l-ezitu ahhari bejn il-partijiet jirrikjedi l-ezami approfondit fuq il-mertu fil-kawza proprja u mhux dak pjuttost superficjali tal-procedura odjerna;

9. Illi *di piu`*, jigi sottolineat li ikun x'ikun l-ezitu tal-ezami odjern *in prima facie*, dan bl-ebda mod ma jincidi fuq l-ezitu tal-kawza fuq il-mertu;

10. Illi ghalhekk fil-kaz li tigi milqugha t-talba ghall-hrug tal-kontro-mandat *de quo* f'dan l-istadju, xorta wahda jistghu jirnexxu t-talbiet fil-mertu wara li jkunu nstemghu l-provi kollha fil-kawza vera u proprja;

11. Illi bl-istess mod, ghalkemm it-talba odjerna ghall-hrug tal-kontro-mandat tista' hawn tigi respinta *in prima facie*, dan ma jfissirx li t-talbiet fil-mertu jistghu bilfors jirnexxu;

12. Illi wara kollox, ezami *in prima facie* hu biss ezami superficjali – mad-daqqa t'ghajn;

Ikkunsidrat:

13. Illi s-socjeta` hawn rikorrenti tibbaza t-talba taghha ghall-hrug tal-kontro-mandat in dizamina fuq l-artiklu 836(1) (b) tal-Kap 12 fuq riferit;

14. Illi l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju in dizamina inhareg biex is-socjeta` St. George Edition Limited hawn rikorrenti, ma titterminax il-kuntratt dwar il-licenzja kummercjali datata l-1 ta' Frar, 2016, (ara foll 15);

Ikkunsidrat:

15.0. Illi l-fatti fir-rigward jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

15.1. Illi l-procedura odjerna hi limitata ghad-dritt tas-socjeta` hawn rikorrenti, li tittermina l-kuntratt riferit fil-

paragrafu precedenti, (ara verbal datat is-16 ta' Mejju, 2017, a foll 343);

15.2. Illi r-relazzjoni kontrattwali bejn il-kuntendenti hi regolata bl-imsemmi kuntratt datat l-1 ta' Frar, 2016, (ara foll 15);

15.3. Illi s-socjeta` hawn intimata ddepozitat l-ammont rikjest minnha mis-socjeta` hawn rikorrenti taht l-awtorita` ta' din il-qorti (ara foll 41);

15.4. Illi permezz t'ittra datata t-18 ta' Dicembru, 2016, is-socjeta` hawn rikorrenti kkontestat din il-modalita` ta' pagament u talbet lis-socjeta` hawn intimata biex immedjatament tiddesisti milli tuza t-*"trade marks"* licenzjati taht il-kuntratt fuq indikat, (ara foll 43);

15.5. Illi sussegwentement il-partijiet intavolaw diversi proceduri fil-konfront ta' xulxin – fosthom il-procedura odjerna – intiza biex jigi revokat il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju in dizamina;

Ikkunsidrat:

16. Illi ghandu jkun pacifiku li f'dan il-punt tas-saga kurjali bejn il-partijiet din il-qorti hi prekluza milli tezamina il-mertu naxxenti mill-kuntratt *de quo*;

17. Illi kif stabbilit mill-artiklu 836 (1) (b) tal-Kap 12 fuq citat, l-ezami hawn rikjest hu biss dak li jigi ezaminat jekk tkunx ghada tezisti xi wahda mill-htigijiet tal-ligi ghall-hrug tal-att kawtelatorju *de quo*;

18. Illi in effetti, biex tirnexxi t-talba tas-socjeta` hawn rikorrenti, din jinhtieg li turi li l-bzonn li jinhareg mandat ta' sekwestru kawtelatorju *de quo* ghadiex prezenti wara li gie debitament ordnat;

Ikkunsidrat:

19. Illi minn ezami tar-rikors promotur u tar-risposta tas-socjeta` hawn intimata, is-socjeta` rikorrenti ma irnexxiliex, imqar bi prova

*in prima facie*, turi li jezistu l-elementi rikjesti mill-ligi biex jigi revokat il-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju in dizamina;

20. Illi in vista tal-premess, jigi sottolineat li mhux il-kompitu ta’ din il-qorti f’din il-procedura, li tezamina jekk is-socjeta` hawn intimata kellhiex verament raguni siewja biex tottjeni l-mandat *de quo*;

21. Illi l-limitu tal-azzjoni odjerna hu biss li din il-qorti tara jekk is-socjeta` hawn rikorrenti irnexxiliex turi lil din il-qorti li din il-htiega naqset wara l-hrug tal-mandat *de quo*;

22. Illi minn ezami tal-inkartament *in atti* jirrizulta li dan il-kompitu ma irnexxiex u konsegwentement ir-rikors in dizamina jimmerita li jigi respint *stante* li s-socjeta` hawn rikorrenti ma irnexxiliex turi ghaliex il-mandat *de quo* ghandu jithassar;

Ikkunsidrat:

23.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li s-socjeta` hawn rikorrenti ma irnexxiliex tipprova l-kaz taghha skont il-ligi, u konsegwentement:

**DECIDE:**

23.1. Tirrespingi t-talbiet tas-socjeta` hawn rikorrenti;

23.2. Takkolji r-risposti tas-socjeta` hawn intimata;

23.3. Bl-ispejjez ta’ din il-procedura kontra s-socjeta` hawn rikorrenti.

___________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**